

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12058/26

AG 123
INST 298
SOC 508
FREMP 258

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4721 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'7.7.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Introduzzjoni ta' Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE", skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 4721 final.

Mehmuż: C(2026) 4721 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburg, 7.7.2026
C(2026) 4721 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'7.7.2026

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata
“Introduzzjoni ta’ Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE”, skont ir-
Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'7.7.2026

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata
“Introduzzjoni ta’ Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE”, skont ir-
Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b’mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-14 ta’ Mejju 2026, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta’ inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Introduzzjoni ta’ Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE”.
- (2) Permezz ta’ ittra tal-15 ta’ Ġunju 2026 (C(2026) 4069 final), skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2019/788, il-Kummissjoni infurmat lill-grupp ta’ organizzaturi li fir-rigward tat-talba għar-reġistrazzjoni mressqa fl-14 ta’ Mejju 2026, ġew issodisfati r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (d) u (e), ta’ dak ir-Regolament u li l-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tiegħu ma kienx applikabbli. Madankollu, il-Kummissjoni spjegat ukoll li l-inizjattiva kienet taqa’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, fis-sens tal-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (3) Għalhekk, il-Kummissjoni infurmat lill-grupp ta’ organizzaturi skont l-Artikolu 6(4), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788 li jista’ jew jemenda l-inizjattiva biex iqis l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, jew iżomm, jew jirtira l-inizjattiva inizjali f’konformità mal-Artikolu 6(4), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (4) Fis-16 ta’ Ġunju 2026, il-grupp ta’ organizzaturi ppreżenta inizjattiva emendata intitolata “Introduzzjoni ta’ Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE”.
- (5) L-għan tal-inizjattiva emendata, kif espress mill-organizzaturi, huwa li “tistabbilixxi Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet fl-UE”. “Qed naraw li bl-iżviluppi rapidi fl-intelliġenza artifiċjali u r-robotika, hemm hteġġa urġenti li l-għajxien tagħna jiġi diżakkoppjat mill-kapaċità li nbiegħu l-forza ta’ xogħolna, peress li dalwaqt se jkollna

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm biżżejjed impjiegi għalina”, esprimew l-organizzaturi. Għalhekk, l-organizzaturi qed jitolbu “lill-Kummissjoni Ewropea tiegħu l-passi kollha meħtieġa u legali li jistgħu jgħinu fl-introduzzjoni tal-Introjt Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet fl-Istati Membri tal-UE, u toħroġ rakkomandazzjoni għall-Istati Membri biex jaħdmu fuq l-introduzzjoni tal-Introjt Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet.” L-anness tal-inizjattiva jipprova dettalji ulterjuri dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-oġettivi tagħha.

- (6) Il-Kummissjoni tqis li abbażi tal-Artikolu 121(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni tista’ tirrakkomanda li l-Kunsill jifformula abbozz għal-linji gwida ġenerali tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni u jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-Kunsill Ewropew. Abbażi tal-konklużjoni tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill jista’ jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi dawk il-linji gwida ġenerali. Bl-istess mod, abbażi tal-Artikolu 148(2) TFUE, il-Kummissjoni tista’ tipproponi li l-Kunsill ifassal linji gwida, fil-forma ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill, abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li l-Istati Membri għandhom iqisu fil-politiki tagħhom dwar l-impjiegi.
- (7) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (8) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f’dan il-każ.
- (9) Il-grupp ta’ organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta’ kuntatt f’konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta’ dak ir-Regolament.
- (10) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata “Introduzzjoni ta’ Introjt Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE” tiġi rreġistrata.
- (12) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b’xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta’ organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta’ organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista’ jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għalhekk, l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Introduzzjoni ta’ Introjt Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE” għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Introduzzjoni ta' Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet madwar l-UE", irrappreżentat minn Klaus SAMBOR u Michele GIANELLA li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Strasburgu, 7.7.2026

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni